DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 95/2014

tas-16 ta' Mejju 2014

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE ([1]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 94/56/KE ([2]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(3) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 66d (id-Direttiva tal-Kunsill 94/56/KE) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jinbidel b'li ġej:

"**32010 R 0996:** Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattament li ġej:

Is-sottoparagrafu segwenti jiżdied fl-Artikoli 18(5) u 19(1):

'Minħabba l-fatt li l-Liechtenstein u l-Isvizzera għandhom bażi tad-dejta nazzjonali konġunta skont id-Direttiva 2003/42/KE, dejta rilevanti li tkun toriġina mil-Liechtenstein se tiġi integrata fir-repożitorju ċentrali flimkien mad-dejta Svizzera.'"

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-17 ta' Mejju 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35.
([2]) ĠU L 319, 12.12.1994, p. 14.
(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Gianluca GRIPPA